**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 16 ta' Frar, 2016**

**Citazzjoni Nru: 993/2015 AF**

**Banif Bank (Malta) plc (C41030)**

**vs**

**Moez Zarouk u Marie Louise Polidano**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Banif Bank (Malta) plc li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Il-kumpanija attrici hi bank kummercjali licenzjat taht il-Ligijiet ta' Malta biex fost l-ohrajn issellef flus lill-klijenti taghha.

Il-konvenuti huma klijenti tal-kumpanija attrici u hadu minn ghandha self biex tigi akkwistata vettura.

Dan is-self, li nghata lilhom permezz ta' Credit Agreement datat 19 ta' Lulju 2012 (ara Dok. 'A'), kien jikkonsisti f'Personal Loan ta' dsatax-il elf Euro (€19,000).

Il-konvenuti naqqsu milli jhallsu lura dan is-self u l-bilanc dovut minnhom, hu ta' tmintax-il elf, disa' mija u disat Euro u tlieta u disghin centezmu (€18,909.93) dovuti fuq il-Personal Loan fuq imsemmi, senjatament Personal Loan Account numru 25321.71.002 u jinkludu imghaxijiet t'elf, sittin Ewro u wiehed u erbghin centezmu (€1,060.41), kalkolati sal-14 ta' Ottubru, 2015 (ara Dok. 'B').

Relatati mas-self fuq imsemmi u ma' Business Overdraft li illum thallset kollha, hemm dovuti sitt mija u tnejn u sittin Euro u sitta u ghoxrin centezmu (€662.26), fi spejjez dovuti fuq il-current Account numru 25321.10.001, li l-konvenuti ghandhom mal-kumpanija attrici (ara Dok. 'C'). Dan l-ammont jinkludi imghaxijiet ta' zewgt Euro u ghoxrin centezmu (€2.20), kalkolati sal-14 t'Ottubru, 2015 (ara dawn l-ispejjez u imghaxijiet fuq Dok. 'D').

In vista tas-suespost, l-ammont dovut mill-konvenuti lill-kumpanija attrici sal-14 ta' Ottubru 2015, kien ta' dsatax-il elf, hames mija u tnejn u sebghin Euro u dsatax-il centezmu (€19,572.19).

Dan l-ammont sar dovut kollu lill-kumpannija attrici:

1. Kwantu l-Personal Loan fuq imsemmi, ai termini tal-Credit Agreement markat Dok. 'A' u dan, ghax kif stipulat f'Artikolu 13, sehhew wahda jew aktar mill-events of default imsemmija f'dan l-istess Credit Agreement, partikolarment, izda mhux esklussivament:

a. Default by the Borrower/s in the payment of any amount of principal, interest, fees, charges due for payment in the manner stipulated in the agreement regulating the Facility,
b. The Borrower/s comitting any other breach of or omitting to observe any other of the obligations and under takings as expressed to be assumed by it in the agreement regulating the Facility,
n. Any other event which in the Bank's reasonable opinion gives grounds for belief that the Borrower/s may not perform all or any of the obligation's under or otherwise

comply with the terms of the agreement regulating the Facility"' u

ii. kwantu l-Current Account fuq imsemmi, ai termini t'Artikolu 5 tat-Terms and Conditions (ara Dok. 'E') u t'Artikolu 6 tal-Conditions of Use (ara Dok. 'F') marbuta mal-istess Current account.

Il-kumpannija attrici ttentat tinterpella lill-konvenuti diversi drabi biex ihallsuha d-dejn, fosthom permezz t'ittra ufficcjali datata 14 ta' Jannar 2015 bin-numru 147/2015 u ittra ufficjali ohra datata 21 ta' Awwissu 2015, bin-numru 2919/2015 mahruga a tenur tal-Artiklu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, izda li baqghet ma gietx notifikata (ara Dok. 'G' u Dok. 'H'). Madanakollu, l-konvenuti baqghu inadempjenti.

Il-kreditu tal-kumpannija attrici huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu f'dan ir-rigward kontra t-talbiet attrici.

Ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-Ligi a tenur tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Taqta' u tiddeciedi dina l-kawza bid-dispensa tas-smigh, ai termini tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tiddikjara lill-konvenuti saru debituri tal-kumpannija attrici fl-ammont ta' €19,572.19; u

3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-kumpannija attrici l-ammont komplessiv ta' €19,572.19;

Bl-ispejjez, bank charges and fees u bl-imghaxijiet mill-14 ta' Ottubru 2015 sad-data tal-pagament effettiv.

Il-bank charges u fees qed jintalbu ai termini tal-Credit Agreement imsemmi f'din il-kawza, t-Tariff of Charges relattivi ghall-Personal Loans (ara Dok. 'I') u t-Tariff of Charges relattivi

ghall-Current Accounts (ara Dok. ‘J’), liema dokumenti tqiesu li saru japplikaw ghall-konvenuti appena dawn hadu l-facilitjaiet bankarji minghand il-kumpanja attrici.

L-imghaxijiet qed jintalbu bir-rati segwenti:

1. Ghaxra punt sebgha hamsa fil-mija (10.75%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq Personal Loan Account numru 25321.71.002 imsemmi aktar ‘l fuq (ara Artikoli 4 u 13 tal-Credit Agreement markat Dok. ‘A’), u
2. Ghaxra fil-mija (10%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq Current Account numru 25321.10.001 imsemmi aktar ‘l fuq (ara marker bl-orangjo fuq Dok. ‘J’).

Il-konvenuti huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni u dan b’rizerva ghal kull dritt iehor spettanti lill-kumpanija attrici fil-konfront tal-istess konvenuti.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li, minkejja li gew debitament notifikati, l-intimati baqghu ma dehrux.

Rat li l-kawza giet posposta ghas-sentenza.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ l-ewwel talba, tilqa’ t-tieni talba kif dedotta, tilqa’ t-tielet talba kif dedotta, bl-imghaxijiet kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Moez Zarouk u Marie Louise Polidano.

IMHALLEF

DEP/REG